Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 531/2015

Il-Pulizja

Spettur Yvonne Farrugia

Vs

Frances Scerri

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Frances Scerri detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 214062M, akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'April 2012 f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda;

1. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Maria Concetta k.a Marcette Cefai minn Attard u ta' HSBC Malta;

Ukoll talli f'Lulju 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda;

2. B'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti imaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ b'qerq ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Mario Gauci minn Birkirkara;

3. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna/i oħra, s-somma ta' aktar minn €2,329.37 għad-dannu ta' Mario Gauci minn Birkirkara, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu li jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat u l-istess somma ġiet fdata lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, kariga jew servizz tiegħu;

4. Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u ċioe' b'diversi ċekkijiet maħruġa minn fuq kont bankarju tal-APS Bank numru 20001087070 li jippartjeni lil Mario Gauci minn Birkirkara, billi ħoloq il-pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew billi daħħal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żied jew biddel klwasoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5. Akar talli fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi xjentement għamel użu mill-istess atti, kitba jew skrittura falza;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Novembru, 2015 fejn il-Qorti, Wara li rat l- Artikoli 17, 23A(2), 23B, 31, 533, 18, 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 183, u 184 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sabet lill-imputata hatja u kkundannatha piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Frances Scerri, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Diċembru, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti bir-rispett joġobgħa tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara l-imputat Joseph Francis Scerri mhux ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih w kwindi tilliberah minn kull ħtija w piena skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Frances Scerri huma s-segwenti w ċioe':-

a. Illi l-ewwel u qabel kollox, l-imputat qed jisħaq fuq l-innoċenza tiegħu w li hu qed isir 'scape goat' grazzi għall-aġir ta' terzi li ħoloq dan l-inkwiet kollu u f' dawn il-proċeduri qed/għamilha ta' vittma. Illi f' dan ir-rigward ġie innutat li dan il-punt tant kardinali ma ġiex ikkunsidrat mill-ewwel Qorti, anki meta ġie sollevat fit-trattazzjoni finali.
b. Illi affaċjat mas-sueppost, hu bla sens li jiġi suġġerit li bix-xogħol li kien għaddej, l-imputat aġixxa b' tali mod biex jagħmel ħsara lilu nnifsu! Illi wieħed irid isaqsi jekk L-Ewwel Qorti ikkunsidrat jekk kien hemm raġunijiet oħra biex saru sforzi biex l-avvanz tal-imputat jisfronda minħabba raġunijiet fejn kellhom interess li ma jkomplix

jagħmel iktar suċċess! Illi dan l-għan negattiv irnexxa bil-konsegwenzi odjerni w li timmerita li tiġi kunsidrata fid-dawl ġeneral tal-każ.

c. Illi kunsiderazzjoni tal-provi, jagħtu direzzjoni ċara fil-pożizzjoni tal-imputat u ċioe li ġie impoġġi, inġustament, f' sitwazzjoni fejn hu ma kellu ebda kontroll u/jew ma kienx jaf bil-konsegwenzi odjerni. Illi di piu, mill-provi jirriżulta li kien hemm 'stop payment' minn naħa ta' Mario Gauci stess, sid tal-kontijiet, li ordna li ċ-cheques ma jissarfux u dan ad insaputa tal-imputat! Illi dan il-punt tant irriżulta b' mod ċar, fejn riferenza għall-provi jikkonfermaw din is-sitwazzjoni: '...kienu seba' ċekkijiet... mhux kollha ġew lura. Kien hemm ammont minnhom jiġifieri sostanzjali li ssarfu u 37 biss li kien baqa' pendent mal-bank'. Illi hawn, dan kienet xehdet Marciette Cefai fix-xhieda tagħha. Illi l-istess xhud, bħala ex impjegata tal-bank, indikat li bħala: 'bħala ex staff... ġielu qdejtu qabel. I mean qatt ma kelli problemi bih... bħala klijent tal-bank. Jiġifieri dan kien bħala Premier customer ukoll ta' jiġifieri, mhux xi customer li qatt ma rajtu b' għajnejja. Pros: U meta tgħid Premier customer, x' jiġifieri? Xhud: Irid ikollu ta' l-inqas €70,000 il-bank biex tikkwalifika għal Premier Customer u trid tqis kien ex staff, I mean jafhom l-affarijiet tal-Bank ukoll.' Illi apparti mis-sueppost, l-istess xhud xehdet ukoll li: 'Fuq il-fiduċja. Fdajtu. Ma kienx hemm raġuni oħra... Naf li qabel ġieli sarraftlu. Qatt ma kelli problemi... Qalli naf ta' min huma. Kemm jiġifieri ċċempilli u tiġi ġġibli l-flus...'

d. Illi anki xhud oħra ċioe Alison Agius, li kienet l-Branch Manager stqarret li fir-rigward l-imputat: 'Iva sibna ċekkijiet li sarrfitlu qabel u kienu onorati' illi għalhekk, dan ifisser li kien hemm mill-fuduċja neċessarja għax kieku l-imputat ma kienx jiġi ikkunsidrat bħala Premier Client kienu ma kellux il-credentials neċessarja għal dan il-privileġġ.

e. Illi affaċjat mas-sueppost hu l-fatt li Mario Gauci, li ħoloq dan l-inkwiet kollu, kien ta' prokura lill-imputat biex ikollu l-possibilita jirrappreżentah fin-negozju li kienu iddiskutu biex jagħmlu, la għażlu li jinnegozjaw flimkien. Illi dan kien qed jingħad għax filwaqt li n-

negozju prinċipali tas' Mario Gauci kien ibbażat fuq groceries, hu stess għażel li javviċina lill-imputat għax induna li kien sejjer tajjeb fil-bejgħ tan-negozji ta' second hand cars u dan apparti mill-fatt li l-imputat ma baqax jixtri bil-kwantita kif kien qabel liema ħaġa għorkitlu għajnejh. Illi għalhekk peress li Mario Gauci kien jaf li l-imputat kien ex impjegat tal-bank, hu ried jutilizza ukoll l-esperjenza li l-imputat kellu f' dan ir-rigward. Illi allura fid-dawl ta' dan il-punt ta' prokura li Mario Gauci għażel li jagħti lill-imputat, dan l-istess mario Gauci m' għamilx dan il-pass mingħajr ma ikkonsidera s-serjeta tas-sitwazzjoni. Illi mix-xhieda tirriżultali kien ferm imwissi imma għażel li jagħti l-awtorita neċessarja liema ħaġa kienet għaddejja sewwa sakemm Mario Gauci għażel li jagħmel 'stop payment' ad insaputa tal-imputat! Illi l-ironija tagħha kienet li l-imputat qed ikollu jirrispondi għal ħaġa li ma kienx jaf biha. Illi għalhekk, fid-dawl ta' dan il-punt, ix-xhud tal-prosekuzzjoni, Malcolm Spiteri stqarr li kien mar ikellem, kif akkompanjat minn Tony Dalli, l-istess Mario Gauci fejn: 'Dan il-persuna kien ta kelma li isma, għandu xi flus miġbudin – għandu xi flus bħala fixed li ħa jagħmel tajjeb u ħa jagħti l-flus lil Joe Scerri biex jirritornahom.' Illi f' din il-laqa', kien hemm preżenti wkoll l-imputat.

f. Illi s-suespost hu ikkoroborat minn Tony Dalli fejn ammetta li fil-laqa' li kellhom ma Mario Gauci, dan l-istess Mario Gauci indika mingħajr l-iċken tlaqliq li: 'Le, jien meta għidtilhom li rridu niġbru l-flus qabeż da u qalli: għandi minn fejn inħallas.' Illi dan l-istess xhud faħħar lill-imputat meta xehed: 'u s-Sur Scerri għamel appuntament; ċempilli hu biex immur magħhom l-APS, Republic Street.' Illi dan l-aħħar aspett juri li fil-fatt l-imputat kien qed jirsisti biex is-sitwazzjoni tissana ruħhagħax wara kollox, kien l-istess aġir ta' Mario Gauci, li kien ħoloq din is-sitwazzjoni u li konsegwenza ta' dan l-aġir, l-imputat kien u fil-fatt qed ikollu jirrispondi għal ħaġa li ma kienx jaf u/jew kellu involviment f' din il-ħaġa, imma sar jaf kif iċ-cheque ma issarrafx; illi din il-ħaġa weġġħat ħafna nies liema sitwazzjoni dina l-Onorabbli Qorti qed mitluba tikkonsidera fid-dawl ġenerali tal-każ.

g. Illi aspett importanti f' dan il-każ hu l-prokura li ingħatat lill-imputat. Illi eżami tal-prokura jikxef il-fatt li Mario Gauci kien ta' poteri lill-imputat biex ikun jista' jaħdem skond il-ftehim li ftehmu għan-negozju. Illi l-istess Mario Gauci, hu wieħed ta' ċerta esperjenza w ċertament m'hux ħmar. Illi l-fatt li n-negozju tiegħu hu konsiderevoli fejn għandu anki nies impjegati miegħu, juri li hu sid ta' ċerta entita li tirrifletti ċerta intelliġenza. Illi, allura, wieħed isaqsi kif l-istess Mario Gauci, f' dawn il-proċeduri, ried jagħti l-impressjoni li għandu intelliġenza limitata? X' inhi r-raġuni li għażel li jwaqqaf milli jissarfu dawn iċ-cheques meta hu kien jaf li ħarġu? Illi fl-istess prokura, hemm indikat fl-istess prokura: 'This power of attorney is limited solely in that my attorney may act to perform any banking transaction on my behalf at APS Bank Malta Limited, including, but not limited to…' Illi l-fatt li ried jagħti l-impressjoni li ma kienx jaf għalfejn iffirma hi ħaġa li ma tistax titwemmen! Illi sfortunatament il-Pulizija għażlet li temmen dan il-punt minn persuna ta' ċerta maturita' li kienet u għadha kapaċi tmexxi enterpriża. Illi di piu, l-imputat, fl-istatement tiegħu wara li kien ġie mistoqsi s-segwenti domanda mill-abbli prosekutriċi: ' Ara ngħidx sew li għalkemm Mario Gauci kien iffirmalek prokura, dan ma kienx jaf x' ifisser u l-manuvri bankarji li għamlit inti kienu kollha b' inizzjattiva ewlenija tiegħek mingħajr ma huwa kien tak il-kunsens sabiex teħodlu dawn il-flus għal interessi personali tiegħek?', irrimarka: Imputat: 'Ma naqbel xejn assolutament għax in-nutar jew Avukat jieħu l-iżbriga jispjega l-importanza ta' prokura w bil-konsegwenzi tagħha. Illi din apparti, hu fl-interess tal-professjonist li jagħmel dan għax b' hekk hu jew hi tkun qed tikkawtela l-interessi tal-klijent fejn in-nuqqas, l-professjonist jispiċċa akkuxat talli naqas mid-doveri tiegħu. Illi dan ma sarx, biex b'hekk toħroġ waħedha li hu kien jaf l-importanza tal-prokura.

h. Illi allura wieħed isaqsi l-għaliex Mario Gauci għażel, 'of his own motion' biex jagħmel 'stop payment' kif irrizulta? Illi r-risposta tinstab f' kawża oħra li kienet għaddejja kontemporanjament ma' din il-kawża fl-ismijiet: 'Il-Pulizija vs Joseph F. Scerri' li kienet ġiet deċiża fit-28 ta'

Lulju, 2014 li ġiet deċiża mill-Maġistrat Dr Claire-Louise Stafrace fejn ċertu Paul Schembri w ħutu, għar-raġunijiet tiegħu/tagħhom, beda/ew iqajjem/u irwiefen kontra l-imputat tant li rnexxielu/hom jinfluwenzaw lil Mario Gauci bil-konsegwenzi odjerni. Illi, għalhekk, dawn Schembri ħolqu qisu 'run on the bank' fejn meta l-imputat kien ġie mitlub iħallas u jżarma kollox, l-flus kienu marbutinu l-imputat ma stax jagħmel malajr dak kien mitlub. Illi konsegwenza ta' dan, Schembri marru għand il-Pulizija w ħaġa ġabet l-oħra! Illi dawn Schembri, kienu influwenzaw lil Mario Gauci, liema ħaġa tikxef il-fatt li meta hu fil-fatt għamel 'stop payment' hu kien jaf x' qed jagħmel għax wara kollox hu stess ammetta li kellu l-flus! Illi mix-xhieda irriżulta li kien ikun aġġornat kontinwament x' qed jiġri u x' qed jagħmel l-imputat imma f' daqqa waħda hu qisu tilef il-fiduċja fl-imputat bil-konsegwenzi odjerni.

i. Illi fid-dawl tas-suespost, filwaqt li dak indikat ma jeżawriex il-punti kollha, wieħed jinnota l-punt kruċjali nieqes u ċioe il-'mens rea'. Illi pero, l-'actus reus' mhux eskluż ukoll. Illi wieħed isaqsi, kif jista'l-imputat jiġi akkużat ta' ħaġa meta hu ma kienx jaf biha? Illi meta Mario Gauci għażel minn rajh li jagħmel 'stop payment', dan għamlu mingħajr ma qal lill-imputat. Illi l-imputat, kemm il-darba mar il-bank u għamel transazzjonijiet mingħajr ma kien hemm problem/i ta' xejn. Illi hu ma kellux għalfejn jagħmel ħaġa, kif qed jiġi akkużat fil-każ odjern, biex jirrovina ruħu, liema suġġeriment hi ħaġa assurda! Illi, pero, biex Mario Gauci qed jiġi eżonerat minn ħaġa li hu stess ħoloq, hi ħaġa li l-Pulizija għażlu li ma jieħduxpassi kontra Mario gauci? Illi il-provi juru li fil-fatt Mario Gauci kien fil-fatt 'in control' tas-sitwazzjoni w li fil-fatt l-imputat kien 'subservient' għall-istess Mario Gauci. Illi għalhekk, ma kienx hemm l-eżistenza tal-intenzjoni neċessarja w/jew l-actus reus skond il-liġi biex l-imputat jiġi misjub ħati. Illi biex tissuġerixxi li l-imputat aġixxa biex jagħmel ħsara lilu innifsu meta kien għaddej sew, hi 'contradiction in terms' liema ħaġa ġiet injorata mill-Ewwel Qorti. Illi għalhekk, il-prinċipju ta' 'in dubbeo

pro reo' jeżisti w dan apparti mill-fatt li l-elementi għar-reat ma jeżistux.

j. Illi apparti mis-suespost, l-involviment ta' marciette Cefai timmerita kumment. Illi kienet l-istess sinjura Cefai li għażlet li ma timxix mal-proċedura tal-Bank, liema diskrezzjoni kienet tagħha biss u ta' ħaddieħor. Illi dan il-komportament hija ħaġa apparti u indipendenti li trid tirrispondi hi bil-konsegwenzi li ġġib. Illi wara kollox, hi kienet taf x' kienet qed tagħmel. Illi din apparti, l-imputat kien ta' idea li l-Ewwel Qorti x' kien qed jiġri, imma l-Ewwel Qorti għażlet li ma tagħtix importanza lix-xhieda tal-imputat bil-konsegwenza li l-Ewwel Qorti ma tantx tat l-opportunita lill-imputat f' dan ir-rigward. Illi pero, l-imputat ma kellu ebda interess li jippreżenta cheque li ma issaraffx biex jagħmel ħsara la lilu nnifsu u/jew lis-sinjura Cefai! Illi, għalhekk, biex l-imputat ġie ikkundannat biex jirrispondi għall-aġir u/jew nuqqas ta' osservazzjoni tal-proċeduri bankarji hi r-responsabbilita tas-sinjura Cefai. Illi meta l-imputat kien qed jixhed kif xehed fil-preżenża ta' l-istess sinjura Cefai, hu write skomfort lampanti għax hi bdiet tiftakar x' kienet qed tagħmel liema ħaġa m' hux fl-interess tagħha tisvela għax tikkomplika s-sitwazzjoni tagħha għall-aħħar.

k. Illi l-imputat qed jagħmilha ċara li s-suespost bl-ebda mod m' għandu jiġi kunsidrat eżawrjenti w qed jirriżerva li jressaq argumenti/prova oħra skond il-każ.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Settembru 2016 fejn l-Avukat Generali issolleva l-pregudizzjali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell u dan billi l-appellanti talab kemm it-tibil kif ukoll it-thassir tad-decizjoni appellata fl-istess waqt.

Ikkunsidrat,

Illi din id-decizjoni hija wahda limitata ghal din l-pregudizzjali sollevata mill-appellat Avukat Generali dwar in-nullita tar-rikors ta'l-appell billi it-talba hija wahda kemm ghat-tibdil kif ukoll ghat-thassir tad-decizjoni impunjata.

Illi t-talba giet hekk redatta *verbatim* mill-appellanti:

"**Ghaldaqstant**, in vista tas-suespost, dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba bir-rispett joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tirrevoka** s-sentenza appellata u **tiddikjara** l-imputat Joseph F. Scerri mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u kwindi **tilliberah** minn kull htija w piena skond il-ligi."

Illi ma hemmx dubbju illi minn qari tat-talba kif redatta, din hija ghal kollox kontradittorja u dan bi ksur ta' dak dispost fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Illi minn qari tad-decizjoni impunjata ghandu johrog illi l-appellanti giet misjuba hatja tar-reati lilha addebitati u ikkundannata il-piena ta' ghaxar snin prigunerija. Illi l-aggravvji imressqa 'il quddiem mill-appellanti kollha jikkoncernaw il-mertu tal-kaz meta essenzjalment issir kritika dwar l-apprezzament tal-provi maghmula mill-Ewwel Qorti li, fil-fehma ta'l-appellanti, kellha jirrizultalha illi l-*mens rea* mehtieg ghal kummissjoni tar-reati ta' falsifikazzjoni, frodi u misapproprjazzjoni kien nieqes. Fil-kors tat-trattazzjoni orali tal-appell, l-appellanti tramite id-difensur tieghu jilmenta ukoll illi subordinatament ghal dan l-aggravvju, l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet wahda severa wisq.

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Galea [ 30.6.1995] ( Per V. De Gaetano J.) fejn gie ritenut li:-

**"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :- (a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" - ("The Police vs. John Hill", Criminal Appeal, [23.9.1972] (b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti, anki jekk jintalab biss**

**it-thassir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir, ir-rikors ikun null."**[1]

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ghandu jirrizulta illi fit-termini ta' dak dispost fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kodici Kriminali ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma tad-decizjoni impunjata. Issa huwa indubitat illi id-decizjoni impunjata sabet reita' ghar-reati kollha addebitati lill-appellanti u li hi qed tilmenta minn din is-sejbien ta' htija fuq bazi generali. Di piu mir-rikors ta'l-appell lanqas jidher illi hemm xi aggravvju marbut biss mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghalkemm d-difensur ta'l-appellanti isemmi dina l-lanjanza fil-kors tat-trattazzjoni orali. Kwindi ma hemm l-ebda talba subordinata ghal dik tat-thassir billi tintalab xi riforma biss fil-piena inflitta. It-talba hija ghal kollox kontradittorja billi jidher illi b'mod ewlieni qed tintalab ir-riforma u dan ghandu isir, fil-fehma tal-appellanti, billi din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni impunjata fl-intier taghha. Talba li evidentement ma tottemperax ruhha mar-rekwiziti stabbilita fl-artikolu 419, hawn fuq iccitata taht piena ta' nullita'. Illi sahansitra il-Qorti Kostituzzjonali[2] sahhqet fuq l-importanza li jigu osservati r-rekwiziti mehtiega ghal validita tar-rikors ta'l-appell, in-nuqqas ta' liema rekwiziti jimporta n-nullita ta'l-istess u ma jista' qatt iwassal ghal xi lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-persuna akkuzata.

---

[1] ("Pul.vs. Anthony Zammit" ( [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940); "Pul. vs. Richard Vincenti Kind" , App. Krim. [16.9.72]; "Pul. vs. Carmelo Agius" , App. Krim. [4.10.1972]. Illi sentenzi ohra li minnhom kienu jemergu dawn il-principji huma : "La Polizia vs. Ernesto Laiviera", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "La Polizia vs Carmelo Carabott et." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205; Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar , App.Krim. [23.1.1971]; Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. App. Krim. [11.11.1976] ; Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna , App. Krim.[ 1.9.1977]; Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et ,[ 26.4.1985]; Pulizija vs. Anthony Zammit [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 ; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind , App. Krim. [16.9.1972] ; Pulizija vs. Carmelo Agius App. Krim. [14.10.1972]; Pulizija vs. Emmanuel Bonnici , App. Krim. [5.10.1990]; Pulizija vs. Joseph Desira [18.3.1972] ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg , [18.3.1972]; u Pulizija vs. John Vella Chritien App. Krim. [6. 5. 1972] u Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia [13.2.2001].

[2] Richard sive Rachela Spiteri et vs Avukat Generali deciza Q.K. 09/03/2010

**"Anqas ma jista' jkun hemm dubju li l-Artikolu 419(1), meta jimponi certi rekwiziti li, jekk ma jigux osservati, jimportaw in-nullita` tar-rikors ta' appell, ghandu ghan legittimu u proporzjonat. Infatti fil-kaz ta' Gauci (26/5/2006) din il-Qorti kienet ghamlitha cara li: "...l-Artikolu 419, jirreferi biss ghall-"indikazzjonijiet komuni ghall-atti gudizzjarji", li fin-nuqqas taghhom l-att ma jigix null <u>bhalma jkun il-kaz jekk ikun hemm nieqsa l-fatti fil-qosor, ir-ragunijiet ta' l-appell jew it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza tal-qorti inferjuri – rekwiziti dawn li huma kjarament mehtiega ghall-andament ordnat tal-proceduri fil-kaz li jkun, u li huma ghalhekk konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.</u>" (emfazi mizjuda)"**

**Il-htiega li fir-rikors tal-appell jigi indikat b'mod car u mill-ewwel jekk l-appellant hux qed jitlob ir-revoka tas-sentenza kollha kemm hi jew il-varjazzjoni taghha (u allura liema parti qed jitlob li tigi konfermata u liema mibdula) hija imposta biex jigi assigurat li l-kawza titpogga fuq il-binarju korrett mill-ewwel, cioe` mal-presentata tal-istess rikors, u li ma jsirux appelli bl-addocc, specjalment meta jkun hemm diversi imputazzjonijiet, ghas-semplici fini biex l-appellant jipprova, kif jghid il-Malti, "fejn laqat, laqat"! Il-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 jipprovdu ghal mod organiku sabiex l-appelli, sia jekk isiru mill-persuna misjuba hatja u sia jekk isiru mill-Avukat Generali, ikunu jistghu jinstemghu bi speditezza. Huwa minnu li din id-disposizzjoni kienet introdotta fil-Kodici Kriminali fl-1900, meta l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet testendi ghal reati li jkollhom piena ta' mhux aktar minn tlett xhur prigunerija (kien biss bl-Att XXIX tal-1940 li l-kompetenza ta' din il-Qorti bdiet, ftit ftit, tigi estiza); izda r-rekwiziti, taht piena ta' nullita`, tal-imsemmija tlett paragrafi huma aktar importanti llum meta persuni spiss ikunu akkuzati b'diversi akkuzi (u ta' aktar serjeta` milli setghu qatt kienu fl-1900) u allura spiss jigri li jinstabu hatja ta' xi whud minnhom u jigu liberati minn ohrajn, u ghalhekk ikun indispensabbli li mill-bidu nett jigi ccarat x'qed jitlob l-**

**appellant. Huwa minnu wkoll li l-gurisprudenza rriteniet (din il-Qorti tifhem li rriteniet hekk b'mod logiku hafna) li meta l-appellant kellu jitlob ir-riforma izda minflok jitlob ir-revoka, allura ma jkunx gie osservat ir-rekwizit tal-paragrafu (c) tal-imsemmi Art. 419(1), b'mod li dan igib in-nullita` tar-rikors ta' l-appell. Apparti minn hekk, din il-gurisprudenza tmur lura ghexieren ta' snin, mill-anqas sal-1930 – ara s-sentenzi msemmija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' April 2003 fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur N. Ciappara) v. Joseph John Agius – b'mod ghalhekk li, kif tajjeb qalet il-Prim Awla fis-sentenza appellata, din il-gurisprudenza hija ben nota u maghrufa minn kull min jipprattika quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, u ghalhekk mhux il-kaz ta' xi sorpriza jew nuqqas ta' pubblicita` li tista' taghti lok ghal ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni jew 39(1) tal-Kostituzzjoni. U l-fatt li l-Qorti tqajjem hi – ex officio – tali nullita` b'ebda tigbid tal-immaginazzjoni ma jista' jwassal ghal lezjoni tal-imsemmija artikoli."**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali. Konsegwentment tghaddi biex tiddikjara r-rikors tal-appell null u bla effett skont il-ligi u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Edwina Grima

Imhallef

Vera Kopja

Franklin Calleja

Deputat Registratur